MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2008

Numru. 179/2003

Il-Pulizija
(Sp Joseph Agius)
vs
Wayne Delia, iben Martin, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ novembru, 1985
u
Dale Argento, iben Peter, imwieled Pieta’ fis-17 ta’ ottubru, 1987
u
Terrence Burke, iben Carmelo, imwieled Pieta’ fl-20 ta’ lulju, 1987
u
Kenneth Mallia, iben Rosario, imwieled Pieta’ fis-27 ta’ ġunju, 1988
u
Roderick Abela, iben Raymond, imwieled Pieta’ fis-27 ta’ ġunju, 1986

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati -
1. talli fit-23 u fl-24 ta’ jannar, 2003 fiż-Żejtun, Ħal-Tarxien, Santa Luċija u Ħal-Far xjentement f’Malta laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom meta l-valur kien ta’ aktar minn Lm3,000;
lil **Wayne Delia, Dale Argento** u **Terrence Burke** -
2. talli fit-23 ta’ jannar, 2003 għal ħabta tas-7.00 p.m. mill-parking area tat-Tolly factory ġewwa l-Qasam Industrjali ta’ Bulebel, iż-Żejtun ikkomettew serq ta’ truck tal-marka Mercedes Daimler, bin-numru tar-reġistrazzjoni HAB 894, li għandu valur ‘il fuq minn Lm3,000, liema serq hu aggravat bil-ħin, bil-valur, bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bil-lok u bil-mezz;
lil **Wayne Delia** u **Dale Argento** –
3. talli fit-23 u fl-24 ta’ jannar, 2003 fiż-Żejtun, Raħal il-Ġdid, Santa Luċija u Ħal-Far saqu l-istess vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HAB 894 mingħajr ma kellhom liċenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ tat-Trasport ta’ Malta jew mingħajr ma kellhom liċenzja speċifika biex isuqu l-istess vettura u b’hekk ma kienux koperti b’polza dwar ir-riskji ta’ terżi persuni;
lil **Roderick Abela** u **Kenneth Mallia** –
4. talli fl-24 ta’ jannar, 2003 f’Ħal-Far saqu l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HAB 894 mingħajr ma kellhom liċenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita’ tat-Trasport ta’ Malta jew mingħajr ma kellhom liċenzja speċifika biex isuqu l-istess vettura u b’hekk ma kienux koperti b’polza dwar ir-riskji ta’ terżi persuni;
lil **Wayne Delia**, waħdu –
5. talli fl-24 ta’ jannar, 2003 għal ħabta tal-5.45 p.m. ġewwa Ħal-Far saq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HAB 8894 b’manjiera perikoluża u bi traskuraġni u b’nuqqas ta’ ħsieb ikkaġuna ħsara nvolontarja fuq l-istess vettura li tammonta ‘il fuq minn Lm100 iżda anqas minn Lm500;
6. talli fl-istess jum, lok u ċirkostanżi b’nuqqas ta’ ħsieb b’negliġenża u b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti tat-

traffiku kkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-passiġġieri li kien hemm miegħu;
7. talli fl-istess jum, lok u ċirkostanżi waqt li kien qed jagħmilha ta' driver ta' l-imsemmija vettura għabba jew ġarr numru ta' passiġġieri aktar minn dak stabbilit;
8. talli fl-istess dati, ċirkostanżi u ħin xewwex persuni oħra biex jagħmlu reat;
9. talli hedded lill-imputati l-oħra bil-mewt, sabiex jagħtu nformazzjoni falza lill-pulizija.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tapplika s-sospensjoni tal-liċenżji tas-sewqan fil-każ ta' Wayne Delia, Dale Argento, Kenneth Mallia u Roderick Abela.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-30 ta' mejju, 2006 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
Fil-konfront ta' **Wayne Delia** -
a. fl-artikoli 261(b)(ċ)(e)(f)(g), 325(b), 334, 226, 69, 339(e), 17(b)(ċ), 30, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 15(1) u 18 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. fl-artikoli 3, 20, 22 u 23 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fil-konfront ta' **Dale Argento** -
a. fl-artikoli 261(b)(ċ)(e)(f)(g), 2667, 279(b), 325(b), 334, 30, 20, 17(b)(ċ), 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
Fil-konfront ta' **Terrence Burke** –
a. fl-artikoli 261(b)(ċ)(e)(f)(g), 267, 279(b), 325(b), 334, 30, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
Fil-konfront ta' **Roderick Abela** u **Kenneth Mallia** –
a. fl-artikoli 261(b)(ċ)(e)(f)(g), 267, 279(b), 325(b), 334, 30, 20, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. fl-artikoli 3, 20, 22 u 23 tal-kapitolu 104 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' jannar, 2008 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti l-akkużi ġew pruvati.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat **Wayne Delia** ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(e)(f)(g), 325(1)(b), 69 u 339(e) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 15(1) u 18 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 3, 20, 22 u 23 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' 125 euro. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fiż-żmien sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan.
Fil-konfront ta' **Dale Argento**. Ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(e)(f)(g), 2667, 279(b) u 325(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' 25 euro. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fiż-żmien sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan.
Fil-konfront ta' **Terrence Burke**. Ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(e)(f)(g), 267, 279(b) u 325(b) tal-Kodiċi Kriminali. . Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-

kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fiż-żmien sena mil-lum.
Fil-konfront ta' **Kenneth Mallia.** Issibu ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 3, 20, 22 u 23 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' 125 euro. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fiż-żmien sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan.
Fil-konfront ta' **Roderick Abela**. Issibu ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 3, 20, 22 u 23 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' 125 euro. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fiż-żmien sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għas-sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan.

Minbarra dan, tordna lil kull wieħed mill-imputati li jħallsu s-somma ta' 200 euro lil Joseph Ellul Sullivan.

Mhemmx lok għall-applikazjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------